MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 1740/1998/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Mary Louise Scicluna abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Mary Louise Scicluna**

**Vs**

**Joseph Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lil-istess socjeta' attrici nomine et is-somma komplessiva ta' Lm827.57 (tmien mija u sebgha u ghoxrin lira u sebgha u hamsin centezmu ) jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'risultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi B-4581 u O-8720, liema danni gew kawzati

b’risultat tal-kollizzjoni li grat fis-17 ta’ Frar 1996, f’Dun Karm ByPass, B’Kara stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Frar 1998 u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa illi mhumiex minnu li l-incident in kwistjoni gara tort tat-traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur.

Illi, minghajr pregudizzju ghal dak premess, hija eccessiva, stante li l–vettura ta’ l-attur Fiat Uno b’numru ta’ registrazzjoni B-4581, kienet antika u ta’ valur zghir.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward dan l-incident, jkun oportun li, l-ewwel, issir referenza ghall-iskizz tal-incident maghmul minn <u>PS 586 Joseph Brincat</u>, l-ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz (fol 17 tal-atti). Fuq l-istess skizz jidhru l-karozza numru B 4581 tal-marka Fiat Uno misjuqa mill-attrici u dik bin-numru 0 8720 ossija “Suzuki Jeep” misjuqa mill-konvenut. Inoltre tidher ir-<u>round about</u> f’Triq Dun Karm maghrufa l-aktar bhala l-ByPass ta’ Birkirkara  li tmur bejn Hal Lija sa tal-Qroqq fil-limiti tal-Imsida.  Fuq l-istess skizz, kien gie markat b’”X” l-ispot of impact bejn iz-zewg vetturi involuti. Dwar l-incident, l-istess partijiet involuti stqarrew kif ser jinghad:  l-<u>attrici</u> kienet qalet “waqt li kienet iddur mar-roundabout giet vettura O 8720 minn naha tal-<u>lemin</u> u dahal go fiha u tefaghha go center strip waqt li l-<u>konvenut</u>

qal "…. Waqt li kien idur mar-round about giet vettura B 4581 minn mal-gemb u dahlet go fih".

Ikkunsidrat

Illi Mary Louis Scicluna, l-attrici (fol 29 u 74 tal-istess atti) xehdet li kienet qed issuq fl-istess "by pass" , gejja mid-direzzjoni ta' Hal Lija u sejra fid-direzzjoni ta' Tal-Qroqq. Qabel ma waslet mal-imsemmija "round about hi xeghelet l-indicator tal-lemin "u bdejt ndur mar-round about". Kif kienet qeghda iddur, b'velocita baxxa u b'distanza minima bejn il-karozza taghha u l-istess round about u kif waslet fejn hemm markat b "X" fuq l-anness dok MLS1 (fol 31 ibid), hi hasset "daqqa qawwija" fuq il-bieba tan-naha taghha ta' quddiem deskritta ukoll bhala "impatt … vjolenti" oltre li qalghet daqqa ohra fuq wara. Bhala konsegwenza "…. Il-vettura l-ohra mbuttanti fuq is-"centre strip". Inoltre bl-istess impatt kienet tkissret il-hgiega tal-bieba fuq in-naha taghha u bhala konsegwenza wiccha kellu tikek tad-demm minhabba li ntlaqtet bi minn ftak ta' hgieg.

Hawnhekk jissema li kien hemm mara li kienet rat l-incident jsehh. Pero din il-mara marret l'hemm wara li l-konvenut kien qalilha "….kien ahjar jekk tibqa sejra". Filfatt din il-mara baqghet injota.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk issir referenza ghall-iskizz gja msemmi sottomess mill-istess attrici (a fol 31 markat Dok MLS1). Fuq l-istess skizz, l-atturi, oltre li markat bi "X", l-"spot of impact" kif di gja ssemma, indikat ukoll bi vleggeg, li kienet gejja minn Hal Lija u kienet qedha ddur mal-istess "roundabout". Pero, fuq dan l-iskizz, ma jidhrix li hi kienet sejra fid-direzzjoni ta' Tal Qroqq, kif specifikat fix-xhieda taghha.

Difatti, dwar dan, giet riprodotta sabiex tixhed, fuq ordni tal-Qorti u hawnhekk, l-attrici spjegat u semmiet (fol 79 et seq ibid) punti li ma kienetx irriferiet ghalihom la lill-Pulizija li investiga dan il-kaz la fix-xhieda taghha quddiem l-istess

Qorti. Difatti, hawnhekk hi svelat illi effettivament, hi ma keinetx ser tkompli ssuq lejn tal-Qroqq izda, "…. Kelli ndur mar-roundabout in kwistjoni u nidhol fejn hemm indikat fuq l-iskecc Tumas Fenech Street" ossija lejn il-Knisja Parrokjali ta' Birkirkara. Pero hi kompliet tghid li "meta kont qed ndur mar-roundabout sibt li kien hemm trailer li kien qed jimblokka din it-triq …. ghalhekk jiena ddecidejt li nkompli ndur mar-roundabout u nkompli fid-direzzjoni pero' lejn San Gwann ossija lejn tal-Qroqq".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenut</u> (ara fol 51 u 67 ibid)spjega li kien qed jsuq mill-istess "by pass" "fid-direzzjoni vicin tas-Swatar u qbadt ir-roundabout biex nerga naqbad it-triq ….. b'direzzjoni lejn tas-Sliema". Hu kompla jghid "Gia kont qbadt ir-round about meta sehh l-incident li", skond hu gara, ghax "l-attrici …. meta ttentat biex tidhol fir-roundabout qabli minn naha ta' barra tal-istess round about". In rigward dan, hu sostna li tant kien vicin ir-round about meta kien qed jdur maghha, illi bejn il-vettura tieghu u l-istess round about, "Lanqas kien hemm post biex tghaddi vettura". In rigward l-iskizz gja msemmi esebit mill-Pulizija u li jinsab a fol 17 jidher li hu kien jaqbel ma' dak kif muri fuqu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghandu jissemma li skond ir-rapport tal-Pulizija, in atti a fol 16 il-vettura misjuqa mill-attrici "garrbet hsarat fuq bieba ta(l-) lemin, mudguard ta' quddiem u mudguard ta' wara ta'(l-) lemin u rota ta' quddiem ta(x-)xellug" waqt li dik misjuqa mill-konvenut "…. garrbet hsarat fuq il-mudguard ta' quddiem u ta' wara ta(x-)xellug".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher li l-attrici biddlet b'mod sostanzjali il-versjoni taghha, kif hawn fuq premess, liema fatt, basikament jitfa dell ikrah fuq il-veracita u kredibilita tal-versjoni tal-fatti, sottomess minnha.

Illi, dan premess, jidher ukoll verosimili li l-attrici kienet qed iddur mar "round about" in kwistjoni, harget xi ftit minnha sabiex tidhol fit-triq laterali msemmija minnha izda, minhabba l-ostakolu li sabet quddiemha, regghet daret lejn il-lemin taghha sabiex tkompli ddur mal-istess "roundabout". Dan, seta kkaguna l-incident in esami, fuq basi ta' probabblita u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi esonerat minn kull responsabilta ghal dan l-incident.

Illi, dwar dan, hu probabbli hafna li l-istess konvenut seta' gie ingannat mis-sewqan tal-istess attrici, meta din esegwit il-manuvra, kif di gja deskritta u ghall-gharrieda.

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici, fic-cirkostanzi kif esposti, ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------